MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 77/2002/1

**Valcall Ltd**

**vs**

**MDL Ltd**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-izgombrament tas-socjeta' konvenuta mill-facilitajiet ta' parking moghtija lilha fil-fond Valletta Buildings, South Street, Valletta, u dan meta l-istess socjeta' konvenuta qed tokkupa dawn il-facilitajiet minghajr ebda titolu fil-ligi u anki ghalkemm inghata l-avviz (congendo) opportun.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali u l-imghax, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Il-valur lokatizzju ma jeccedix is-sitt mitt lira Maltin (Lm600).

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha cediet il-kawza, pero’ zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-6 ta’ Jannar, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.